MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012

Numru 43/2007

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**v.**

**Martin Spiteri**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-Att ta' Akkuza[1] migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fis-6 ta' Novembru 2007 kontra l-

[1] Kif emendat wara d-digrieti tal-Qorti Kriminali tad-9 ta' Gunju 2008 u 16 ta' Settembru 2008, kif ukoll wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-27 ta' Ottubru 2008 u s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-14 ta' Jannar 2010.

imsemmi Martin Spiteri li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli: (1) fl-ewwel kap, li importa, gieghel li tigi impurtata jew ghamel xi haga sabiex tista’ tigi impurtata medicina perikoluza f’Malta (amphetamine) bi ksur tal-ligi, (2) fit-tieni kap, li kellu fil-pussess tieghu, bi ksur tal-ligi u taht cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, l-imsemmija amphetamine, (3) fit-tielet kap, b’importazzjoni bi ksur tal-ligi tal-pjanta cannabis, (4) fir-raba’ kap, b’pussess bi ksur tal-ligi tal-pjanta cannabis (pero` mhux l-istess droga msemmija fit-tielet kap), (5) fil-hames kap, b’pussess bi ksur tal-ligi ta’ pilloli Ecstasy, u (6) fis-sitt kap, b’pussess bi ksur tal-ligi tad-droga kokajina;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-21 ta’ April 2010 li permezz taghha dik il-Qorti semghet l-ammissjoni tal-akkuzat Martin Spiteri ghat-tielet, raba’, hames u sitt kapi, f’liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li gie solennement imwissi dwar il-konsegwenzi legali ta’ tali ammissjoni u nghata zmien skond il-ligi sabiex jahsibha u, jekk irid, jerga’ lura minn dik l-ammissjoni; rat in-nota tal-imsemmi Martin Spiteri tad-9 ta’ Marzu 2010 li permezz taghha huwa ghazel li jigi gudikat minn dik il-Qorti minghajr gurati; u rat ukoll in-noti sussegwenti ghal dik in-nota, kif ukoll il-provvediment taghha tal-14 ta’ April 2010; semghet il-provi (inkluz lill-akkuzat minn jeddu); semghet ukoll lill-Avukati Dott. Joseph Giglio u Dott. Stephen Tonna Lowell ghal Spiteri, u lill-Avukata Dott. Nadine Sant ghall-Avukat Generali; rat l-atti kollha relevanti; u kkunsidrat is-segwenti:

**“In vista tal-ammissjoni dwar it-tielet, raba’, hames u sitt kapi, din il-Qorti hi msejha biex tiddeciedi biss dwar il-htija o meno fir-rigward tal-ewwel zewg kapi, kif ukoll (in vista tal-provvediment tal-14 ta’ April 2010, aktar ‘il fuq imsemmi) dwar jekk il-cannabis imsemmija fit-tielet kap tal-Att ta’ l-Akkuza – 9.2 grammi, li Spiteri dahhal mieghu meta wasal Malta bl-ajru fl-20 ta’ Ottubru 2005, kienux ghall-uzu personali tieghu jew xort’ohra (u dan peress li dan il-fatt jincidi**

**b'mod determinanti fuq il-piena fir-rigward ta' dan it-tielet kap).**

**"Din il-Qorti kellha l-vantagg li tisma' – bhalma jkollhom il-gurati – ix-xhieda viva voce jiddeponu u jigu kontroezaminati. Id-differenza hi li f'dan il-kaz, u limitatament kif fuq inghad, id-decizjoni dwar il-htija jew xort'ohra trid tittiehed mill-Imhallef togat u mhux mill-gurati bhala imhallfin tal-fatt. Issa, f'dan il-kaz il-qofol huwa jekk is-sustanza li l-akkuzat Spiteri dahhal f'Malta fl-20 ta' Ottubru 2005 kinitx droga pprojbita mill-ligi u jekk l-akkuzat kienx jaf li din kienet droga (ossia amfitamina). Infatti l-linja difensjonali tieghu (dwar l-ewwel u t-tieni kapi) hi li ma jirrizultax ipprovat, sal-grad li trid il-ligi f'kawzi penali, kemm l-element materjali kif ukoll dak formali taz-zewg reati ta' importazzjoni u pussess ta' amfitamina bi ksur tal-ligi.**

**"Din il-Qorti hi, pero`, tal-ferma konvinzjoni li dawn iz-zewg reati gew sodisfacentement pruvati mill-prosekuzzjoni. Bhala fatt jirrizulta li meta Spiteri wasal Malta fuq titjira minn Frankfurt fl-20 ta' Ottubru 2005 huwa kellu (apparti xi cannabis, meritu tat-tielet kap), mad-988 grammi ta' sustanza ratba – deskritta bhala *paste* jew taflija – li kienet mohbija fil-qiegh tal-basket li kien qed igorr bhala handluggage. Huwa gie kazwalment imwaqqaf minn ufficjali tad-Dwana ghal *spot check* u talbuh jghaddi l-basket minn *scanning machine* li wriet li kien hemm xi haga kompatta fl-imsemmi basket. Wara li tnehhew l-affarijiet li kien hemm mill-kompartiment principali ta' dan il-basket, instabet din is-sustanza bejn il-qiegh tal-kompartiment (li jitnehha permezz ta' zipp) u l-*lining* ta' barra tal-istess basket. L-imsemmija sustanza kienet f'borza tal-plastic tat-tip *re-sealable* u kienet imgezwra f'hafna *tape* u mwahhla mal-qiegh (estern) tal-imsemmi basket. Meta gie mistoqsi x'kienet dik is-sustanza huwa wiegeb li kienet fertilizzant u hekk baqa' jghid meta ttiehed id-Depot tal-Pulizija. Izda l-ghada, meta rrilaxxja l-ewwel stqarrija lill- Pulizija, huwa qal li dik kienet *"cleaning agent"* li kienu juzaw**

**fuq ir-riggs taz-zejt fejn kien jahdem, u li kien gabha biex hu u habib tieghu jesperimentaw inaddfu s-snieter tal-kacca u jaraw jekk tipproteggix is-snieter mill-imluha tal-bahar.**

**"Bhala fatt, irrizulta mid-deposizzjoni u mir-rapporti ta' l-analista Godwin Sammut – li ovvjament id-difiza ghamlet minn kollox biex tipprova tiskreditah – li din is-sustanza kellha l-karatteristici kollha ta'** ***amphetamine paste*** **bhalma wiehed isib jixtri illegalment barra minn Malta, u dan kemm ghal dik li hi l-purita` tal-kontenut amfitaminiku, l-*****excipients*** **(cioe` sustanzi li jintuzaw jew bhala** ***cutting agents*** **jew ghall-lubrifikazzjoni fil-process tal-manifattura tal-pilloli) li nstabu fis-sustanza, u anke il-*****by products*** **tal-process tal-manifattura illegali tal-amfitamina. Skond l-akkuzat – cioe` kemm skond l-akkuzat meta ddepona minn jeddu, kif ukoll fis-sottomissjonijiet tal-abbili difensuri tieghu – din is-sustanza ma kienet xejn hlief erba' jew hames** ***scoops*** **bl-idejn tal-preparazzjoni kimika li kienet tintuza fuq ir-rigg fejn huwa kien jahdem ghall-finijiet tad-*****drilling,*** **liema** ***scoops*** **hadhom b'idejh ftit qabel ma huwa telaq minn fuq ir-rigg biex jibda l-perijodu ta' vaganza (leave) f'Malta. Pero` mill-provi kollha li semghet din il-Qorti ma hemm xejn li jindika, imqar fuq bazi ta'** ***probabbilita`*****, li t-tahlita li tintuza fuq ir-riggs jew it-tahlita partikolari li kienet qed tintuza jumejn qabel ma' Spiteri wasal Malta, u allura meta huwa jghid li qabad ftit b'idejh u gabha mieghu, tista' accidentalment tipproduci l-amfitamina. Id-dokument li l-akkuzat ghazel li jistrieh hafna fuqu, u cioe` d-Dokument MS2 (a fol. 25 tal-atti tal-Att ta' Akkuza) – anke jekk wiehed kellu jaghtih valur probatorju shih, fis-sens li huwa dokument awtentiku u li jirrapresenta verament l-analizi tal-kontenut tal-*****"mud"*** **ossia tahlita li kienet qed tintuza mit-18 ta' Jannar 2006 'il quddiem fuq ir-rigg fejn kien jahdem – ma tista' qatt twassal ghal xi prova kif fuq inghad, cioe` li l-amfitamina tigi accidentalment prodotta waqt li jkun qed isir id-*****drilling*** **ghaz-zejt jew ghall-gas. Il-Qorti ma setghetx ma tinnutax ukoll li l-akkuzat kellu diffikulta` kbira fuq il-pedana tax-xiehda**

**biex jipprova jispjega ghala heba l-pakkett bejn il-qiegh ta' barra u ta' gewwa tal-basket, kif ukoll ghala ma qalx mill-ewwel x'kien dak l-oggett meta nstab mill-Ufficjali tad-Dwana. L-argument migjub mill-akkuzat li huwa seta' jitkecca jekk jinqabad jiehu xi haga minn fuq ir-rigg huwa wiehed imgebbed ghall-ahhar, meta hawn si tratta ta' tahlita li tintuza f'ammonti enormi – u l-akkuzat stess ikkonceda, fuq mistoqsija tal-Qorti, li seta' talab permess biex jiehu dawk il-hames *scoops*, ghalkemm jghid li x'aktarx ma kinitx tkun haga facli li jinghata permess. Sorprendenti ghal din il-Qorti hija wkoll l-ideja li hu u siehbu kienu ser jippruvaw "jillubrikaw" jew "jiksu" s-snieter taghhom b'din is-sustanza, meta rrizulta mill-provi li kif appena din is-sustanza tithalla ghal ftit sieghat esposta ghall-arja tibda tinxef u minn *paste* tispicca bhala sustanza iebsa u li eventwalment issir trab, bir-riskju li tirrovina xi mekkanizmu tas-senter. Jekk verament din il-*paste* kienet dik it-tahlita li l-akkuzat jghid li kienet – cioe` li tintuza fuq ir-rigg – fiz-zmien kollu li kien ilu jahdem fuq dan ix-xoghol ma setax jonqos li huwa ma jindunax b'din it-trasformazzjoni minn *paste* ghal sustanza solida. Ghalhekk il-verzjoni tal-akkuzat ta' kif u minn fejn huwa gab din is-sustanza semplicement ma titwemminx. Isegwi, ghalhekk, li din il-Qorti hi sodisfatta, kif gja` nghad, li l-ewwel u tieni kapi gew ippruvati mill-prosekuzzjoni skond il-ligi; <u>u ghalhekk din il-Qorti qed tiddikjara lill-imsemmi Martin Spiteri hati wkoll skond l-ewwel u skond it-tieni kap tal-Att ta' l-Akkuza.</u>**

**"Nigu issa, ghat-tielet kap, fejn dak li trid tiddetermina din il-Qorti huwa jekk id-9.2 grammi ta' cannabis li Spiteri dahhal mieghu ukoll fl-20 ta' Ottubru 2005 kinux ghall-uzu personali tieghu. Fil-fehma tal-Qorti, ir-risposta hija cara u ghandha tkun fl-affermattiv. Kollox jindika li Spiteri kien ipejjep regolarment il-cannabis, u ma hemm ebda prova li tindika li dan l-ammont kien intiz ghal xi hadd iehor. Anke l-ammont involut huwa indikattiv ta' hekk. Isegwi ghalhekk – ara s-subartikoli (1B) u (2)(a) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 –**

**li l-piena tal-prigunerija ghall-ghomor ma hiex applikabbli, izda hija applikabbli invece l-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux anqas minn tnax-il xahar izda mhux izjed minn ghaxar snin, u multa. Anqas ma hija applikabbli ghal dan it-tielet kap il-piena tal-konfiska tal-proprjeta` tal-hati – ara Artikoli 22(3A) u 24A tal-imsemmi Kap. 101.**

**"Dwar il-piena, din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-fatt li *ex admissis* il-hati kien ilu jippizzika bil-cannabis (in fatti, oltre dak li dahhal fl-20 ta' Ottubru 2005, instabu ghandu d-dar 5.03 grammi ohra, u hu jammetti li kien saltwarjament ipejjipha), u kellu wkoll ammonti zghar ta' Ecstasy (5 pilloli) u kokajina (ftit aktar minn tliet grammi). L-ammont tal-*amphetamine paste*, izda, ma kienx wiehed zghir jew traskurabbli (minnhom wiehed seta' johrog kwantitajiet ta' pilloli tal-amfetamina), anke jekk wiehed kellu jassumi li din id-droga kienet ghall-uzu tieghu biss. Il-qrati ta' gustizzja kriminali dejjem sahqu li l-pussess ta' ammonti anke zghar huwa perikoluz ghax dejjem hemm it-tentazzjoni li dak li jkun jaqsam il-ftit li jkollu ma' haddiehor – ghalkemm fil-kaz odjern prova ta' tali qsim ma hemmx. Dak li ghandu favurih l-akkuzat – forsi l-unika haga li ghandu favurih – hi l-fedina penali kompletament nadifa. Din ser tinghata piz konsiderevoli f'dan il-kaz. Ghalkemm l-akkuzat zbalja u zbalja bl-ikrah – li wiehed imiss mad-droga hu fih innifsu zball kbir, specjalment meta ma jkollux ghalfejn ghax ma jkunx dipendenti fuqha – din il-Qorti trid tikkalibra l-piena biex, filwaqt li jigi salvagwardat l-element tad-deterrent, mill-banda l-ohra tippermetti lill-hati jintegra ruhu fis-socjeta` wara li jkun skonta d-dejn maghha."**

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 8(d) u 22(1)(a)(2)(a)(ii) tal-Kap. 101, l-Artikoli 40A u 120A(1)(a)(2)(a)(ii) tal-Kap. 31, ir-Regolamenti 4(2)(i) u 5(1) tal-A.L. 22/852 u l-Artikoli 17(b)(f)(h) u 533 tal-Kodici Kriminali, ikkundannat lill-imsemmi Martin Spiteri ghall-piena ta' sitt (6) snin prigunerija u multa ta' ghaxart elef euro (€10,000) (konvertibbli f'sena ohra prigunerija f'kaz

ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi); ikkundannatu wkoll ihallas l-ammont ta' tmien mija u erbgha u disghin ewro u tmienja u sebghin centezzmu (€894.78), spejjez peritali inkorsi f'dawn il-proceduri. Fl-ahharnett ordnat lir-Registratur sabiex, wara li s-sentenza tkun ghaddiet in gudikat u kemm-il darba l-Avukat Generali ma jipprezentax nota, entro gimgha minn meta tghaddi hekk in gudikat, li d-droga hi mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri ohra, jiddistruggi d-droga kollha esibita f'dawn l-atti mhux aktar tard minn gimaghtejn mill-imsemmija dati skond il-kaz, u sabiex jirredigi *proces-verbal* li jiddeskrivi l-process ta' tali distruzzjoni u jipprezentah f'dawn l-atti;

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Martin Spiteri pprezentat fl-10 ta' Mejju 2010 fejn talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel zewg Kapi ta' l-Att ta' Akkuza u fejn erogat il-piena msemmija, u tikkonfermaha fil-bqija u teroga piena li tirrispekkja s-sejbien ta' htija fil-Kapi l-ohra jew, alternattivament, tvarjaha ghal dak li jirrigwarda piena; rat l-atti l-ohra tal-kawza; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li hu gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza ghal dak li jirrigwarda l-ewwel zewg akkuzi; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-ewwel Qorti ma kellha qatt issibu hati tat-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza; (3) li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji l-ohra, il-piena nflitta hi manifestament sproporzjonata.

**6.** L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Ghalhekk, dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li effettivament waslet ghaliha[2]. In

[2] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive**

ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. Inoltre hasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konkluzjonijiet taghha huma dawn li gejjin:

(i) L-ewwel Qorti kellha l-vantagg li tara u tisma' x-xhieda kollha, u ghalhekk wara li kellha l-opportunita` tqis "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta" fattizzi ohra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9), u wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, ikkonkludiet li l-appellant kien hati ukoll ta' l-ewwel zewg Kapi ta' l-Att ta' Akkuza.

(ii) L-ewwel Qorti kkummentat fis-sentenza taghha illi d-difiza ghamlet minn kollox biex tiskredita lill-analista Godwin Sammut. L-appellant jghid illi dak li ppruvat taghmel id-difiza kien li tohorgu mill-*frame of mind* kwazi ossessiv ta' "drogi, pilloli u *paste*". L-appellant jghid illi l-imsemmi analista ma kienx jaf li l-kulur tal-*paste* huwa normalment kannella[3], ma kienx jaf x'inhuma l-aktar *cutting agents* komuni, u ma kienx jaf li l-amfetamina tinsab fl-*acacia*[4] u fl-*anise oil*[5]. Anke kieku dan kien kollu

---

**Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[3] L-analista Godwin Sammut spjega li l-*paste* li tkun fil-kannella jew fil-griz tkun aktar pura.

[4] Fil-fatt hemm tracci ta' amfetamina fl-*acacia berlandieri*.

[5] L-*anise oil* huwa proprjament *precursor* li jista' jintuza ghall-produzzjoni ta' 4-methoxy(meth)amphetamine kif ukoll ghal phenylethylamines. Ghalhekk kien korrett l-analista meta qal li ma jafx li l-amfetamina tista' tinsab f'dan iz-zejt.

minnu, ma ghandu l-ebda effett fuq ir-rizultati akkwistati mill-analizi li sar fil-laboratorju minn Godwin Sammut fuq is-sustanza li nstabet fil-pussess ta' l-appellant.

(iii) L-appellant jilmenta dwar in-nomina ta' Dr. Anthony Abela Medici u jghid illi fil-perijodu tal-kaz kien addett mal-Kummissarju tal-Pulizija u mhuwiex *mud engineer*. Jghid li kien sorpriz meta, fil-mori tal-guri, l-ewwel Qorti gibdet l-attenzjoni tad-difensuri tieghu li Dr. Abela Medici kellu xi kwalifici in materja ta' *mud engineering* u izjed sorpriz bil-konsapevolezza tal-prosekuzzjoni ghal dan il-fatt. L-ewwel nett mill-atti ma jirrizultax illi fiz-zmien in kwistjoni Dr. Abela Medici kien addett mal-Kummissarju tal-Pulizija u lanqas li qatt kien ha konjizzjoni ta' dan il-kaz. Fi kwalunkwe kaz, anke jekk kien hekk addett, ma jirrizultax illi meta gie nominat mill-ewwel Qorti huwa kien addett mal-Kummissarju tal-Pulizija. Fil-fatt jekk id-difiza kellha xi diffikulta` dwar il-kwalifici ta' Dr. Abela Medici in materja setghet titlob li tipproducieh sabiex issaqsieh dwar tali kwalifici. Altrimenti setghet talbet in-nomina ta' *mud engineer* fi stadju aktar bikri tal-process.

(iv) L-appellant jghid illi l-kimici necessarji ghall-produzzjoni ta' l-amfetamina kienu kollha prezenti fuq ir-*rig* fejn kien jahdem – il-BMK u l-ammonja li jwasslu ghal *imine intermediate* u jekk dan jithallat ma' l-idrogenu li jinsab fl-arja, jew fi kliem iehor ikun hemm dak li jissejjah *hydrogenation*, dan isir amfetamina. Bhalma jghid l-appellant stess, din hija spjegazzjoni simplicistika u mhux sorretta minn prova xjentifika. Il-fatt li kemm il-BMK kif ukoll l-ammonja kienu prezenti fuq ir-*rig* ma jfissirx illi kienu qeghdin jithalltu flimkien fl-istess hin ghal skop legali u li ad insaputa ta' min jaghti l-ordnijiet ghal tali tahlit dan kien qieghed jirrizulta fil-produzzjoni ta' amfetamina. M'hemmx prova li dawn kienu qeghdin fil-fatt jithalltu flimkien. L-appellant stess jghid biss li s-sustanzi msemmija kienu prezenti fuq ir-*rig*.

(v) L-appellant jirreferi ghall-*iter* ta' l-analizijiet li wasslu lill-analista Godwin Sammut ghas-sejbien ta' persentagg zghir ta' amfetamina. Dak li ma jghidx l-appellant, pero`, huwa li biex jaghmel l-analizi tal-*paste*, ghall-bidu injetta

minnu ghal go l-apparat. Wara li sab il-prezenza ta' palmitic acid u stearic acid u ssuspetta li seta' kien hemm xi haga ohra fil-*paste*, ghamel *a basic extraction* u minn hemm irrizultat l-amfetamina. Jigifieri uza process differenti.

(vi) L-appellant jghid illi filwaqt illi fil-kumpilazzjoni l-analista Godwin Sammut ikkonferma l-prezenza ta' magnesium stearate, waqt il-guri nnega li kien effettivament irriskontra dan il-magnesium stearate anke meta kkonfrontat b'dak li kien qal precedentement. Tajjeb jew hazin l-analista spjega illi magnesium stearate huwa "combination ta' palmitic u stearic acid", huwa "isem li jaghtuh ghal palmitic u stearic acid".

(vii) L-appellant jirreferi ghad-diskrepanza bejn dak li kkonkluda l-analista Godwin Sammut u l-Ispizjar Mario Mifsud. L-analista Godwin Sammut ta l-piz tal-*paste* jew *mud* bhala 988.4 grammi u l-purita` ta' l-amfetamina bhala 5%. L-Ispizjar Mario Mifsud ta l-piz bhala 620.29 grammi u l-purita` bhala 24.75%. Kwantu ghall-piz, dak li sfugga lill-appellant hu li l-analista Godwin Sammut kien ha diversi kampjuni biex janalizzahom. Barra minn hekk bejn is-sejba tal-*paste* jew *mud* u d-data meta dan id-dokument gie mghoddi lill-Ispizjar Mario Mifsud ghaddiet sena u ghalhekk ma jistax jigi eskluz li f'dak il-perijodu kien hemm anke evaporazzjoni b'konsegwenti tnaqqis ulterjuri fil-piz. Kwantu ghad-divergenza fil-purita`, minn ezami tar-rapporti ta' l-analista Godwin Sammut u ta' l-Ispizjar Mario Mifsud jidher illi dawn uzaw metodi differenti biex jiddeterminaw il-purita` ta' l-amfetamina. Fir-rapport tieghu Godwin Sammut jghid li l-analizi sar fuq estratt mehud minn kampjun tal-*paste* fil-methanol permezz ta' "GC/MS (*gas chromatography/mass spectrometry*)". Fir-rapport tieghu l-Ispizjar Mario Mifsud jghid li l-analizi ghamlu permezz ta' *"Unicam UV 500 – Spectrometer"*. Barra minn hekk din il-Qorti pero` tirreferi ghal dak li xehed l-analista Godwin Sammut li l-amfetamina ma tistax tifforma ruhha wahedha *"at room temperature without any further chemicals"*, u ghalhekk meta l-*paste* gie importat diga` kien jikkontjeni l-amfetamina. Li ma hemm l-ebda dubju

huwa li z-zewg esperti rriskontraw il-prezenza ta' amfetamina.

(viii) Din il-Qorti nnotat inkonsistenzi u kontradizzjonijiet f'dak li qal l-appellant stess. Hekk, per ezempju, meta nstab il-*paste* qal li dan kien fertilizzant u kien biss l-ghada li qal lill-Pulizija li kien *mud* li gab minn fuq ir-*rig*. Qal li ghall-bidu qal li kien fertilizzant biex ma jzeffinx ix-xoghol tieghu ghax beza' li jekk l-*employers* tieghu jsiru jafu li kien ha dan il-*mud* minn fuq ir-*rig*, hu kien jitkecca, izda mbaghad qal li kien gabu minn fuq ir-*rig* meta ra li l-Pulizija kienu qeghdin jaghmlu *fuss* fuqu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-argument huwa xi ftit imgebbed. Jekk verament dan il-*paste* jew *mud* ingab minn fuq ir-*rig* fejn kien prezenti f'kwantitajiet kbar kif jidher anke mir-ritratti li huwa esebixxa, ma kien hemm xejn x'izommu milli jitlob permess biex jiehu ftit minnu. Anzi hu stess jghid illi seta' talab permess, ghalkemm stqarr ukoll li ma kienx ikun facli biex jottjeni tali permess.

(ix) L-appellant jghid li l-*mud* li gab huwa *water based* li fih hafna ilma u ftit zejt. Gabar erba' jew hames *scoops* b'idejh liebes ingwanta ghax qed tiddilja ma kimici u ma tissugrax tmissha b'idejk. Pero`, fost ir-ritratti esebiti minnu hemm wiehed fejn jidher b'xi *mud* f'idejh minghajr ingwanti. Mistoqsi dwar dan qal li "ghax dak mhuwiex aggressiv, huwa bazi ta' ilma."

(x) Fl-ewwel stqarrija tieghu lill-Pulizija, dik tal-21 ta' Ottubru 2005, l-appellant qal li s-sustanza in kwistjoni gabha ghal habib tieghu li hu dilettant tal-kacca u tas-snieter "ghax jista' jkun li biha jkun jista' jnaddaf is-snieter li ghandu halli jkunu protetti mill-imluha tal-bahar". Fl-istqarrija tieghu tal-15 ta' Frar 2006 l-appellant qal li kien gabha ghalih. Meta xehed waqt il-guri qal li gabha ghalih u ghall-habib tieghu li, pero`, kien miet xi granet qabel ma ghamel it-tieni istqarrija tieghu.

(xi) L-appellant esebixxa bhala Dok. MS2 *"oil-based mud report"* li juri l-kontenut ta' tahlita ta' *mud* fil-15 ta' Lulju 2006. L-appellant stess jammetti, pero`, li din mhijiex l-istess tahlita li jghid li ha minnha u pprezentaha biex juri

li l-kimici li semma jezistu fuq ir-*rig*. Anke kieku dan id-dokument jinghata valur probatorju shih, ma jikkostitwix prova tal-kontenut tal-*water-based mud* li minnu l-appellant jghid li gab.

(xii) Din il-Qorti ma tistax ma tirreferix ukoll ghall-mod kif dan il-*mud* jew *paste* kien ippakkjat, ghall-mod kif kien mohbi, u ghall-preokkupazzjoni li kellu li din tinsab mid-Dwana ta’ Malta. Stranament ma jidhirx li kellu preokkupazzjoni ghas-sigurta` fl-ajruporti ta’ Schipol u Frankfurt. Fil-fehma ta’ din il-Qorti dan juri agir ta’ persuna li kienet taf x’kienet qed iggib f’pajjizna.

(xiii) Din il-Qorti tirreferi wkoll ghall-osservazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti inkluz dwar l-atteggjament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda.

(xiv) Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni ta’ htija dwar l-Ewwel u t-Tieni Kapi ta’ l-Att ta’ Akkuza.

**7.** Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jghid li ma kellux jinstab hati tat-Tieni Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza kif dedott. Jghid li c-cirkostanza aggravanti msemmija fl-artikolu 120A(2)(a)(i) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta tapplika biss ghas-subparagrafu (i) ta’ l-imsemmi artikolu 120A(2)(a) u mhux ukoll ghas-subparagrafu (ii) li huwa applikabbli ghal dan il-kaz. Jirreferi ghall-hdax-il eccezzjoni preliminari tieghu li giet milqugha u li permezz taghha saret il-korrezzjoni opportuna ghat-Tieni Kap.

**8.** Mill-atti jirrizulta illi b’rikors konguntiv ta’ l-Avukat Generali u ta’ l-akkuzat tas-6 ta’ Gunju 2008 quddiem il-Qorti Kriminali, gie mitlub li “fl-ewwel u t-tieni kapi, il-piena ta’ prigunerija ndikata ghandha tigi sostitwita bil-kliem ‘prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn tnax-il xahar izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta’ mhux inqas minn mitejn lira (Lm200) izda mhux izjed minn ghaxart elef lira (Lm10,000)’. Ghal kull buon fini jintalab ukoll li fl-artikoli citati fil-kapi rispettivi, jizdied is-subinciz (ii) wara 120A(1)(a), 2(a)(i) biex tigi riflessa l-piena applikabbli.”

B’digriet tad-9 ta’ Gunju 2008, l-ewwel Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjonijiet mitluba. Dan ifisser illi, filwaqt illi it-tieni akkuza baqghet dik ta’ pussess ta’ amfetamina f’cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu, il-piena kienet qed tigi limitata ghal dik imsemmija fl-imsemmi subinciz (ii). Difatti l-ewwel Qorti ddikjarat lill-appellant hati wkoll “skond l-ewwel u skond it-tieni kap tal-Att ta’ l-Akkuza”. Ghalhekk it-tieni aggravju qieghed jigi michud.

**9.** It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena li l-appellant iqis sproporzjonata ghac-cirkostanzi tal-kaz. Issa, m’hemm l-ebda dubju li l-piena hi fil-parametri tal-ligi. Dik dwar l-ewwel zewg akkuzi hi ta’ prigunerija ta’ mhux inqas minn tnax-il xahar izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta’ mhux inqas minn erba’ mija hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73). Ma’ din il-piena mbaghad ghandha tizdied il-piena dwar l-akkuzi l-ohra bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17(b)(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**10.** Din il-Qorti mbaghad taqbel mal-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti dwar il-piena. Difatti huwa ta’ thassib il-fatt illi nstabu fil-pussess ta’ l-appellant id-dar tieghu tliet kwalitajiet ta’ droga li, *ex admissis*, kien okkazjonalment jaghmel uzu minnhom. Kif huwa ta’ thassib ukoll il-fatt illi l-appellant ma hasibhiex darbtejn biex igib ammont zghir ta’ cannabis mieghu fl-istess gurnata li dahhal mieghu s-sustanza li nstabet fil-*hand luggage* tieghu.

**11.** Issa, bhalma ntqal f’**Blackstone’s Criminal Practice 2004**:

**“The phrase ‘wrong in principle or manifestly excessive’ has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal’s general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as**

**individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."* Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."** [6]

Din hija l-pozizzjoni li konsistentement hadet din il-Qorti. Ghalhekk ma tarax li hemm lok li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-*quantum* tal-piena.

**12.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

[6] Page 1695, para. D23.45

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------